MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 131/2013

**Agnes Bartolo i.d. 167652 (M) u Joseph Mifsud i.d. 822052 (M)**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u ghal kull interess Jesmond Farrugia u Anthony Arpa**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Agnes Bartolo u Joseph Mifsud**ipprezentat fil-25 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu ippremettew is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti  huma third part appellants f'applikazzjoni li ghamlu Jesmond Farrugia u Anthony Arpa fejn Farrugia u Arpa talbu lill-Kummissarju tal-Pulizja permess ossia licenzja senjatament:*

*"ghall-Kazin gewwa 102 Triq Rue D'Argens Msida''*

*Illi dan l-permess l-esponent Jesmond Farrugia u Anthony Arpa talbu ghalih fis-sena Jannar 2013;*

*Illi permezz ta' decizjoni ossia komunikazzjoni tas-27 ta' Gunju 2013, liema decizjoni giet ricevuta nhar l-10 ta' Lulju 2013 il-Kummissarju  tal-Pulizija jew rappresentant  tieghu accetta it-talba tal-applikanti ghall-Kazin that is-segwenti kondizzjonijiet :*

*"1. li ma tindaqqx muzika ta' generu disko*

*2. li ma tindaqq l-ebda muzika ohra, hi ta' liema generu hi, b'volum tant gholi li jinstema' minn barra l-kazin, bl-ebda mezz u fl-ebda hin'*

*3. Li l-Kazin ma johloq ebda inkonvenjent ghall-girien (bad neighbourhood)*

*4. Li fil-Kazin ma jistax jinzamm bar u lanqas l-ebda tip iehor li jaqa' that il-Class 6, skond il-permess tal-MEPA klawsola 3 fil-PA 1685/12;*

*5. Li l-licenzja ma tiggeddidlux u li sahansitra tigi tterminata minnufih kemm il-darba jkun hemm rapport frekwesnti fejn jinstab lio l-Kazin ikun kiser dawn il-kondizzjonijiet in kwantu ghall-frekwenza l-Bord jaghzel li jhalli f'idejn il-Pulizija x'ghandu jkun in-numru ta' rapport li jidhlu sabiex jiskatta l-kondizzjonijet"*

*Illi l-appellanti hassew  aggravat [recte: hassewhom aggravati)   minn din id-decizjoni u interpona umli appell quddiem it-Tribunal  ta' Appelli dwar  Licenzji  tal-Pulizija ,  f'liema appell kien hemm zjara nhar it-13 ta' Gunju 2013 fejn gie trattat il-kaz u fejn wara thalla ghas-sentenza;*

*Illi f'din iz-zjara kien hemm il-President tat-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija kif ukoll l-Assessuri u s-segretarja tal-Bord. Sema'  t-third party appellants kif ukoll l-applikanti Arpa u Farrugia.*

*Huma accedew kemm ghall-fond ta' Arpa kif ukoll il-fond ta' Agnes Bartolo u Joseph Mifsud;*

*Illi nhar l-10 ta' Lulju 2013 t-third party appellants Agnes Bartolo u Joseph Mifsud gew notifikati bid-decizjoni/lodo tat-Tribunal Ta' Appell Dwar Licenzji Tal-Pulizija;*

*Illl l-esponenti appellanti qieghdin jintavolaw din l-procedura peress li ihossu li din id-decizjoni hija abbusiva u minghajr ebda fondament kemm fattwali u kemm legali, jekk wiehed jara l-iter tal-process isib illi:*

- *Illi s-sentenza datata s-27 ta' Gunju 2013 ma taghti ebda raguni l-ghala waslet sabiex tirrakomanda r-registrazzjoni tal-Kazin u fuq liema policy permess ghall-Kazin ghandu jinghata, meta fuq il-Kazin jinsabu zewg t'idjar residenzjali, hija triq traffikuza arterjali, u fejn ma jezistu ebda policies (guidelines) in vigore mal-Pulizija ta' kif u come jinghata u/jew ma jinghatax permesss ta' kazin, peress hawnhekk si trattiamo ta' triq traffikuza, zona residenzjali, post fejn ma hemmx health and safety features, u parking huwa impossibli;*
- *Issir referenza wkoll ghall-fatt li kien hemm abbuz serju ta' ksur ta' rule of law, meta fl-access tat-13 ta' Gunju 2013, il-Bord sema it-third party appellants wahedhom u imbaghad marret tisma l-applikanti wahedhom, fejn ghalhekk t-third party appellants ma setghux jiddefendu ruhhom fuq is-sottomissjonijiet li setghu qalu l-applikanti Farrugia u Arpa, u dan huwa ta zvantagg ta' l-istess third party appellants li certament kellhom kull dritt fil-ligi sabiex jirreplikaw is-sottomissjonijiet ta' l-istess applikanti;*
- *Illi dato ma non concesso, u ghal grazzja tal-argument, anki jekk dan it-Tribunal thoss li t-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija mexa korrettement meta semghet parti wahedha u imbaghad semghet il-parti l-ohra wahedha, zgur u certament li fis-sentenza li tat t-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija, kellha obbligu li taghti u ssemmi dawk is-sottomissjonijiet li qalu l-applikanti, ghax jekk dan ma jkunx il-kaz, kif jistghu t-third party appellants jintavolaw appell u jiggustifikaw o meno r-ragunijiet legali il-ghala t-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija [recte: Pulizija] kienet zbaljata fid-decide taghha;*
- *Certament ma hemmx dubbju li dan l-agir qieghed jikser serjament ir-rule of law u s-sentenza huwa skarn minn kull ragunament il-ghala dan il-permess gie moghti;*

*Illi b'kull rispett, l-esponent ihossu li f'socjeta demokratika dan l-agir huwa inaccettabbli u imur kontra u jikser bl-iktar mod flagranti d- drittijiet fundamentali tal-esponenti qua cittadini, li qed jinghataw rifjut fuq xi haga li ghadhom sa lum ma jafux il-ghala dan it-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija taw il-permess ghall-Kazin lil Arpa u lil Farrugia – b'liema mod u l-iter il-ghala tahom tali permess;*

*Ghaldaqstant l-esponenti Agnes Bartolo u Joseph Mifsud umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tiddikjara li r-rifjut ghall-appellanti ma kienx gustifikat u ma kellu ebda fondament legali, billi ma hemm ebda iter fis-sentenza u billi ma kienx hemm trasparenza fil-procedura ta' kif u come waslu ghad-decizjoni/lodo l-istess Tribunal Ta' Appell Dwar Licenzji Tal-Pulizija;*
2. *Tordna li s-sentenza tat-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija deciza fis-27 ta' Gunju 2013 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala dok A, tigi dikjarata nulla u invalida, u sabiex il-proceduri jergghu jinstemghu mill-gdid mill-istess Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija.*

*Bir-riserva ta' spejjez u Danni [recte: danni] u l-intimat huwa ingunt in subizzjoni."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija**ipprezentata fl-4 ta' Settembru 2013 li permezz taghha eccepixxa s-egwenti:-

*"*

1. *Illi fl-ewwel lok, ghal kull buon fini, jigi rilevat illi sal-lum, ghadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Ufficcju ta` l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u ghalhekk, ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija gie notifikat fis-6 ta` Awwissu 2013, it-terminu ta` ghoxrin jum skont dan l-istess subartikolu ghadu ma bediex jiddekorri gialdarba ma saritx tali notifika.*

2. *Illi in linea preliminari, l-esponent jirrileva illi* ***dan l-Onorabbli Tribunal ma ghandux kompetenza jisma` l-ilment tar-rikorrenti****. Ai termini ta` l-Artikoli 5 u 7 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta` Malta, dan it-Tribunal huwa kompetenti li jirrevedi* ***att amministrattiv mahrug minn awtorita` pubblika****. Fil-kaz odjern, ma hux qieghed jigi attakkat l-att amministrattiv fih innifsu,* ***izda essenzjalment qeghdin jigu attakkati l-imgieba u l-procedura li ntuzat quddiem it-Tribunal ta` l-Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija****, li huwa Tribunal Amministrattiv skont kif imnizzel fl-Ewwel Skeda ta` l-istess Kapitolu 490. Dan it-Tribunal ta` l-Appelli ghandu ghalhekk natura quasi-gudizzjarja, u ma jistax jigi deskritt bhala li jaghmel parti mill-'amministrazzjoni pubblika' skont l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 490, u cioe` bhala l-Gvern ta` Malta, inkluz il-Ministeri u d-Dipartimenti, awtoritajiet lokali u kull korp stabbilit bil-ligi. Aktar minn hekk, 'att amministrattiv', huwa deskritt mill-istess Artikolu 2 bhala att maghmul mill-amministrazzjoni pubblika. Ghalhekk huwa ferm car illi biex jigu quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti riedu jattakkaw l-eventwali ghoti tal-permess mill-Kummissarju esponent wara li nghatatlu r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ta` l-Appelli. Pero` ma jista` qatt wiehed jattakka l-imgieba ta` tribunal b'natura quasi-gudizzjarja quddiem dan l-Onorabbli Tribunal. Se mai, l-azzjoni appozita kellha tkun ohra diversa u kellha tingab quddiem Qorti ohra.*

3. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, l-esponent Kummissarju qieghed jeccepixxi* ***n-nuqqas ta` locus standi*** *tar-rikorrenti biex jaghmlu dawn il-proceduri, u dan peress illi qeghdin jattakkaw rakkomandazzjoni tat-Tribunal ta` l-Appelli dwar il-Licenzji tal-Pulizija* ***(Dok A)****, meta huma ma kinux involuti bhala parti. Tul ir-rikors, ir-rikorrenti qeghdin dejjem jiddeskrivu ruhhom bhala third party appellants, meta fir-realta` l-proceduri quddiem it-*

*Tribunal inbdew wara li Anthony Arpa ntavola appell **(Dok B)** quddiem it-Tribunal mid-decizjoni originali tal-Kummissarju li jirrifjuta t-talba ghall-hrug tal-permess **(Dok C)**. Ir-rikorrenti gew mismugha mit-Tribunal peress illi minhabba l-oggezzjoni taghhom, il-Kummissarju ma kienx hareg il-permess, pero` mhux ghax kienu parti mill-proceduri per se, kif fil-fatt jidher min-notifika li rcivew minghand it-Tribunal biex jigu nfurmati li kien se jsir access **(Dok D u E)**. L-appell sar minn Anthony Arpa kontra l-Kummissarju li ha decizjoni ta` rifjut, u dan anke kif inhu kontemplat fir-regolament 4(3)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02. Fil-fatt, l-uniku korrispondenza li hemm mir-rikorrenti hija wahda datata 12 ta` Gunju 2013, miktuba mid-difensur legali taghhom, fejn qal li huwa jinsab mgharraf li kellu jsir access fit-13 ta` Gunju 2013 mit-Tribunal **(Dok F)**. Kien f'dik l-ittra li ressaq formalment l-oggezzjoni tar-rikorrenti fl-istadju ta` proceduri quddiem it-Tribunal, u dan f'ittra indirizzata lill-Pulizija u lill-Awtorita` Maltija ghat-Turizmu. Imkien ma jirrizulta li sar xi kuntatt mat-Tribunal hlief dakinhar ta` l-access. Ghalhekk, bl-ebda tigbid ta` immaginazzjoni ma jista` jasal wiehed biex jifhem kif ir-rikorrenti jistghu legalment jintavolaw dan ir-rikors biex jattakkaw decizjoni (li hija biss rakkomandazzjoni) li ma saritx fil-konfront taghhom jew wara talba jew appell taghhom. L-esponent jirrileva illi ghal din ir-raguni biss, it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

4. *Illi ghal kull buon fini qieghda tingibed l-attenzjoni tat-Tribunal ukoll ghall-fatt illi jidher li hemm zball tipografiku fir-rakkomandazzjoni annessa bhala **Dok A** peress illi r-rikorrenti qeghdin jigu deskritti bhala l-appellanti, meta kif jirrizulta minn **Dok B u Dok C**, kien proprju Anthony Arpa li ntavola l-appell mid-decizjoni tal-Kummissarju. Fil-fatt ma jaghmel l-ebda sens li r-rikorrenti jintavolaw appell minn decizjoni ta` rifjut ta` tali permess.*

***<u>Fatti</u>***

5. *Illi minghajr pregudizzju, bhala fatti nsibu illi fl-14 ta` Jannar 2013, l-intimat Anthony Arpa, fil-kwalita` tieghu ta` segretarju ta` Msida Red Stars Football Club, applika mal-Kummissarju esponent sabiex jinghata permess jirregistra u jopera club bl-isem ta` Msida Red stars AFC, fil-fond numru 102, Triq Rue d'Argens Msida **(Dok G)**.*

6. *Illi r-rikorrenti ma ffirmawx in-neighbours' consent form meta gew mitluba jaghmlu dan **(Dok H)**. In vista tal-fatt illi ma kienx hemm il-kunsens tal-girien kollha peress illi r-rikorrenti ma ffirmatx, il-Kummissarju kien inizjalment cahad it-talba ghall-hrug ta` tali permess mitlub minn Anthony Arpa.*

7. *Illi jirrizulta illi r-rikorrenti ntavolaw appell ukoll mid-decizjoni tal-MEPA li jinhareg permess ta` zvilupp fuq dan l-istess fond fuq applikazzjoni ta` Anthony Arpa. Dawn il-proceduri ghadhom pendenti quddiem il-MEPA **(Dok I)**. Ghalkemm ir-rikorrenti baghtu jgharrfu lill-Kummissarju intimat illi appellaw minn tali decizjoni tal-MEPA permezz tad-difensur legali taghhom, f'ittra ohra mibghuta mid-difensur legali taghhom datata 11 ta` Lulju 2013 **(Dok J)**, huma jitolbu lill-Kummissarju sabiex jizgura illi matul il-jiem tal-festa, il-club izomm mal-kundizzjonijiet tal-permess tal-MEPA fost l-ohrajn.*

8. *Illi sussegwentement, Anthony Arpa intavola appell minn din id-decizjoni tramite d-difensur legali tieghu, fejn irrileva illi fl-Imsida hemm bzonn li jkun hemm post bhal dan, peress illi ma*

*hemm l-ebda club li jintuza ghal dan il-ghan, u fejn issottometta illi l-permessi u l-licenzji kollha relattivi minghand id-dipartimenti koncernati kienu gew akkwistati u li ghalhekk, il-fatt illi gar wiehed joggezzjona, ma kellux ikollu l-effett li ma jinhareg l-ebda permess.*

9. *Illi din il-kwistjoni ghalhekk marret quddiem it-Tribunal ta` l-Appelli mil-Licenzji tal-Pulizija, fejn dan, wara li sema` l-partijiet* ***kollha****, irrakkomanda illi jinhareg permess, pero` li jkollu diversi kundizzjonijiet, kollha intizi sabiex jizguraw illi l-ilmenti tar-rikorrenti jigu ndirizzati u li ma jkunx hemm inkonvenjent ghall-istess rikorrenti.*

10. *Illi sussegwentement, inhareg il-permess ghar-registrazzjoni u l-operat ta` dan il-club mill-intimat Kummissarju wara li qaghad fuq ir-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal ta` l-Appelli, liema permess jinkorpora l-istess kondizzjonijiet kif rakkomandat mit-Tribunal. Dan il-permess huwa validu sa Dicembru 2013* ***(Dok K)****.*

***Mertu***

11. *Illi jibda biex jigi rilevat illi s-sottomissjonijiet fil-mertu qed isiru minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari ta` nuqqas ta` locus standi tar-rikorrenti.*

12. *Illi fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw minn allegat ksur tal-principji naturali tal-gustizzja minn naha tat-Tribunal ta` l-Appelli, fosthom nuqqas ta` decizjoni motivata u ksur tar-rule of law, u dan meta huma qatt ma kienu parti quddiem it-Tribunal, izda kienu biss gew ikkuntattjati sabiex jghidu x'ilmenti kellhom. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma jistghu qatt jghidu illi ma nghatawx smigh xieraq.*

13. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, ssir riferenza ghar-regolament 4(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02, fejn il-ligi tghid illi dan it-Tribunal ghandu s-setgha li jirregola l-procedura tieghu. Ghalkemm huwa koncess illi l-istess Tribunal, bhala Tribunal Amministrattiv li jaqa` taht l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta` Malta huwa marbut li jzomm mal-principji tal-gustizzja naturali, il-massimu legali lex specialis derogat generalis japplika, u ghalhekk ifisser illi fl-ispecifiku, dan it-Tribunal ghandu d-dritt moghti bil-ligi li jara hu kif imexxi l-proceduri tieghu. Dan mhux qed jinghad biex ifisser illi allura t-Tribunal jista` ma jzommx mal-principji tal-gustizzja naturali, izda qieghed jinghad biss biex isostni l-argument ta` l-intimat Kummissarju illi sakemm il-procedura li jaddotta t-Tribunal tkun wahda li zzomm mal-principji tal-gustizzja naturali, allura ma jkun sar xejn hazin. F'dan il-kaz partikolari, ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw mill-fatt illi meta sar l-access f'Gunju 2013, il-partijiet ma nstemghux ma xulxin izda separatament, u ghalhekk gie ppregudikat id-dritt tar-rikorrenti li jirreplikaw is-sottomissjonijiet maghmula mill-applikanti. Il-Kummissarju esponent jirritjeni illi sakemm it-Tribunal ta opportunita` lill-partijiet kollha li jsemmghu lehinhom u jlissnu l-punti taghhom, u sakemm it-Tribunal ikkunsidra dawn kollha sabiex wasal ghall-konkluzjoni tieghu, il-fatt minnu nnifsu li l-partijiet ma ltaqghux flimkien quddiem il-membri tat-Tribunal ma jfissirx li awtomatikament sar abbuz tar-rule of law jew inkisru l-principji tal-gustizzja naturali. Anzi, fil-kaz in ezami, huwa pjuttost bil-kontra, u s-suspett huwa illi qieghed jinghad dan ghaliex l-ezitu tad-decizjoni tat-Tribunal ma kienx tali li joghgob lir-rikorrenti, u dan meta wiehed jikkunsidra wkoll illi l-proceduri quddiem it-Tribunal inbdew fuq appell ta` Anthony Arpa.*

14. *Illi tant kemm it-Tribunal kien gust u ekwu, illi sema` bir-reqqa u bl-attenzjoni dak kollu li kellhom xi jghidu r-rikorrenti* ***anke meta ma kinux huma li ntavolaw l-appell li kellu quddiemu****, u imbaghad ghamel rakkomandazzjoni ghall-hrug ta` permess b'numru ta` kundizzjonijiet li huma kollha kemm huma ntizi sabiex jizguraw illi l-ilmenti tar-rikorrenti jkunu ndirizzati u li l-operat tal-club ma jkunx ta` nkonvenjent ghalihom. Ir-rikorrenti jridu jifhmu illi d-dritt taghhom li jgawdu r-residenza taghhom u li jghixu minghajr inkonvenjent ma jistax inaqqas mid-dritt ta` haddiehor li japplika ghal permess sabiex juza fond b'mod partikolari, f'dan il-kaz club tal-football fejn l-iskop huwa li jkun hemm post fejn il-membri tat-tim ikunu jistghu jbiddlu qabel u wara l-partiti u fejn ikunu jistghu jiltaqghu b'mod socjevoli. Irid dejjem jinzamm il-bilanc bejn il-partijiet, u l-bilanc hawnhekk inzamm billi nhareg permess li hu marbut b'numru ta` kundizzjonijiet li jizguraw illi l-girien ikunu salvagwardjati. Ghandu jkun hemm fiducja f'dawn is-salvagwardji u fl-awtoritajiet pubblici nkarigati mill-infurzar, biex fejn il-kundizzjonijiet ma jinzammux, tittiehed imbaghad l-azzjoni xierqa. Anzi, tant inzamm il-bilanc illi ghalkemm ma kinux parti fil-proceduri peress illi ma ntavolawx l-appell huma, ir-rikorrenti nghataw* ***l-istess opportunita`*** *li nghatat lill-appellanti biex isemmghu lehinhom quddiem it-Tribunal.*

15. *Illi inoltre, dak li qeghdin jinsew ir-rikorrenti huwa illi skont l-istess regolament 4(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02, it-Tribunal huwa biss inkarigat li jiehu decizjoni finali fuq il-* ***parir*** *li ghandu jinghata lill-Kummissarju, u ghalhekk, id-decizjoni tieghu mhix wahda li torbot. It-Tribunal fis-sustanza jista` jaghmel biss rakkomandazzjoni, u l-ligi lanqas biss taghti dritt ta` appell minn tali decizjoni tat-Tribunal, proprju minhabba dan. Nonostante dan, ir-rikorrenti xorta jilmentaw illi t-Tribunal naqas meta ma elenkax is-sottomissjonijiet tal-partijiet fid-decizjoni tieghu peress illi dan huwa ta` pregudizzju jekk huma riedu jintavolaw appell minn tali decizjoni – u dan meta m'hemmx dritt ta` appell, u meta strettament, id-decizjoni ma gietx moghtija fil-konfront taghhom peress illi huma ma appellawx quddiem it-Tribunal.*

16. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta` decizjoni motivata, il-Kummissarju intimat jirrileva illi l-fatt illi d-decizjoni setghet kienet iktar iddettaljata xorta ma jwassalx ghan-nullita` ta` tali decizjoni. Dan aktar u aktar f'kaz bhal dan, meta d-decizjoni tat-Tribunal hija biss rakkomandazzjoni u mhux decizjoni finali, u meta d-decizjoni ma tistax tigi attakkata minnhom ghax ma nghatatx fil-konfront taghhom.*

17. *Illi r-rikorrenti ghazlu li jattakkaw id-decizjoni tat-Tribunal meta d-decizjoni mhix vinkolanti fuqhhom peress illi huma ma kinux parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal, u meta finalment, tali decizjoni fir-realta` hija biss rakkomandazzjoni. Ir-rikorrenti jafu ben tajjeb illi l-kundizzjonijiet li gew maghmula mit-Tribunal u li maghhom aderixxa l-Kummissarju fil-hrug tal-permess, huma adegwati bizzejjed biex jindirizzaw l-ilmenti taghhom u jipproteguhom minn kull inkonvenjent.*

18. *Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jissottometti illi preliminarjament ir-rikorrenti ma ghandhomx locus standi biex jahgmlu [recte: jaghmlu] l-azzjoni odjerna u li fil-mertu t-talbiet taghhom huma nfondanti fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk, bl-akbar rispett l-esponent Kummissarju qieghed jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-interita` taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Ra illi **Jesmond Farrugia u Anthony Arpa** debitament notifikati baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014 sema' lil Carmen Sammut, Segretarja tat-Tribunal ta' Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw it-tieni u t-tielet eccezzjoni preliminari;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza preliminari fuq l-istess eccezzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pprocedew bir-rikors odjern stante li hassewhom aggravati bid-decizjoni tat-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija datata 27 ta' Gunju 2013 li permezz taghha gie rakkomandat lill-Kummissarju tal-Pulizija li tinghata r-registrazzjoni tal-Kazin Msida Red Stars A.F.C. b'diversi kondizzjonijiet u cioe:-

> *"1. li ma tindaqqx muzika ta' generu disko*
>
> *2. li ma tindaqq l-ebda muzika ohra, hi ta' liema generu hi, b'volum tant gholi li jinstema' minn barra l-kazin, bl-ebda mezz u fl-ebda hin'*
>
> *3. Li l-Kazin ma johloq ebda inkonvenjent ghall-girien (bad neighbourhood)*
>
> *4. Li fil-Kazin ma jistax jinzamm bar u lanqas l-ebda tip iehor li jaqa' that il-Class 6, skond il-permess tal-MEPA klawsola 3 fil-PA 1685/12;*
>
> *5. Li l-licenzja ma tiggeddidlux u li sahansitra tigi tterminata minnufih kemm il-darba jkun hemm rapport frekwesnti fejn jinstab lio l-Kazin ikun kiser dawn il-kondizzjonijiet in kwantu ghall-frekwenza l-Bord jaghzel li jhalli f'idejn il-Pulizija x'ghandu jkun in-numru ta' rapport li jidhlu sabiex jiskatta l-kondizzjonijet"*

Illi bhala sfond ghal din il-kwistjoni, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li jkun utli li jelenka l-*iter* ta’ din il-kwistjoni:-

1. Illi fl-20 ta’ Mejju 2013 l-intimat Anthony Arpa intavola appell quddiem it-Tribunal ta’ Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija minn decizjoni ta’ rifjut datata 16 ta’ Mejju 2013 fejn il-Kummissarju intimat cahad it-talba tal-istess Arpa ghar-registrazzjoni mal-Pulizija ta’ `Club` bl-isem `Msida Red Stars A.F.C.` operat minn fond numru 102, Triq Rue d’Argens, Msida.
2. Illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghar-registrazzjoni tal-istess Club;
3. Illi fit-13 ta’ Gunju 2013 sar access mill-membri tat-Tribunal ta’ Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija fuq il-post in kwistjoni fejn kien hemm prezenti r-rikorrenti u l-membri tat-Tribunal semghu l-oggezzjonijiet taghhom;
4. Illi fis-27 ta’ Gunju it-Tribunal ta’ Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija ghamel ir-rakkomandazzjoni fuq citata.
5. Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b’din ir-rakkomandazzjoni komunikata lilhom fl-10 ta’ Lulju 2013 u intavolaw ir-rikors odjern.

Illi kif xehdet ix-xhud Carmen Sammut, Segretarja tat-Tribunal ta’ Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija, it-Tribunal ghandu l-poter u d-dover li jaghmel **rakkomandazzjoni** lill-Kummissarju tal-Pulizija. Illi dan ifisser illi t-Tribunal ma ha l-ebda decizjoni, ghalkemm sussegwentement ir-rakkomandazzjoni tieghu giet accettata mill-Kummissarju intimat biex b’hekk intlaqghat l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-klabb de quo.

Illi issa fil-fehma tat-Tribunal, l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi ndirizzata hija dik imqajjma permezz tat-tieni eccezzjoni u cioe jekk dan it-Tribunal ghandux kompetenza jiddeciedi l-mertu ta’ dan ir-rikors, u dan ghaliex skond il-Kummissarju intimat dak li qed jigi attakkat huwa l-imgieba u l-procedura li ntuzat quddiem it-Tribunal ta’ l-Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija, liema Tribunal ma jaghmilx parti mill-“amministrazzjoni pubblika”. Il-Kummissarju intimat qieghed isostni illi iktar minn hekk, ir-rakkomandazzjoni tal-istess Tribunal ma tistghax titqies bhala “att amministrattiv”.

Illi minn harsa lejn it-talbiet tar-rikorrenti jirrizulta illi huma qeghdin jitolbu lil dan it-Tribunal is-segwenti u cioe:-

1. *Tiddikjara li r-rifjut ghall-appellanti ma kienx gustifikat u ma kellu ebda fondament legali, billi ma hemm ebda iter fis-sentenza u billi ma kienx hemm trasparenza fil-procedura ta' kif u come waslu ghad-decizjoni/lodo l-istess Tribunal Ta' Appell Dwar Licenzji Tal-Pulizija;*
2. *Tordna li s-sentenza tat-Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija deciza fis-27 ta' Gunju 2013 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala dok A, tigi dikjarata nulla u invalida, u sabiex il-proceduri jergghu jinstemghu mill-gdid mill-istess Tribunal Ta' Appelli Dwar Licenzji Tal-Pulizija.*

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal, josserva li r-rikorrenti, kuntrarjament ghal dak li sejjhu lilhom infushom fir-rikors promutur, ma kinux *third part appellants* peress li l-appellant kien proprju l-intimat Anthony Arpa. Dan ghaliex ma kien hemm l-ebda rifjut fil-konfront taghhom da parti tal-Kummissarju intimat. Minn dak li rrizulta s'issa huwa li r-rikorrenti ressqu l-oggezzjonijiet taghhom quddiem it-Tribunal ta' Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija, liema oggezzjonijiet ittiehdu in konsiderazzjoni peress li r-rikorrenti gew mismugha mill-istess Tribunal.

Illi fit-tieni lok, ma kien hemm l-ebda sentenza/decizjoni/lodo pronunzjata mill-istess Tribunal kif imsemmija fit-talbiet tar-rikorrenti. Kif tixhed l-istess ittra datata 27 ta' Gunju 2013 ipprezentata mill-istess rikorrenti bhala Dok A, l-istess Tribunal **irrakomanda**.

Illi pero, lil hinn minn dawn il-precizazzjonijiet, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat ghandu ragun fit-tieni eccezzjoni tieghu dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

Illi t-Tribunal ta' Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija huwa Tribunal Amministrattiv fih innifsu u dan kif elenkat fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta intitolata "Lista ta' Tribunali Amministrattivi li Jimxuskond il-Prinċipju ta' Mġieba Amministrattiva Tajba". Illi dan it-Tribunal gie mwaqqaf permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 (Regolamenti Dwar Proceduri ghal-Licenzi) u f'artikolu 4 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja insibu illi *" Ghandu jkun hemm Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, sabiex jisma' u jaqta' l-parir finali li ghandu jinghata lill-Kummissarju dwar xi decizjoni ta' qabel li l-istess*

*Kummissarju jkun ha dwar l-ghoti, it-tigdid, it-trasferiment jew it-thassir ta' licenzi."*

Illi l-istess Tribunal huwa ggwidat bl-istess principji ta' mgieba amministrattiva tajba li huwa ggwidat biha it-Tribunal odjern, liema gwida temani mill-Kaptiolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva). Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa ma jistghax jippronunzja ruhu fuq rakkomandazzjoni jew decizjoni ta' Tribunal amministrattiv iehor. Illi minn qari tal-istess Regolamenti Dwar Proceduri Ghal-Licenzji jirrizulta illi mkien ma' hemm imsemmi li r-rakkomandazzjoni li t-Tribunal jaghti lill-Kummissarju tista' tigi appellata.

Illi jsegwi allura li r-rakkomandazzjoni kif kontenuta fl-ittra tas-27 ta' Gunju 2013 mhix "att amministrattiv" u cioe ma taqghax fid-definizzjoni ta'*"ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku"*.[1] Illi ghalkemm dan it-Tribunal huwa konxju li din id-definizzjoni mhix wahda ezawrjenti, huwa jibqa' tal-fehma illi ladarba t-Tribunal ta' Appelli Dwar Licenzji tal-Pulizija ma jistghax jitqies bhala parti mill-amminstrazzjoni pubblika, allura l-atti tieghu ma jistghux jigu impunjati quddiem dan it-Tribunal.

Illi ghaldaqstant, ladarba dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi li mhux kompetenti *rationae materiae* mhux se jinoltra ruhu fit-tielet eccezzjoni tal-Kummissarju intimat u cioe jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew le *locus standi* f'dawn il-proceduri.

**DECIDE**

1

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet moghtija iktar ‘il fuq qieghed jilqa’ t-tieni eccezjoni tal-Kummissarju intimat u jiddikjara li mhux kompetenti jisma’ l-ilment tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jastjeni milli jkompli konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------